# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Ħdax (11) ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 831/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Sisco Company Limited (C 14752)**

**Vs**

**Joseph Ferriggi (K.I. 300357M) f'ismu propju u fil-kapaċita' tiegħu ta' uniku eredi universali ta' martu Judith Ferriggi li mietet fis-26 ta' Mejju 2017**
**Nazzareno Borg (K.I. 964845M)**
**Maria Grazia sive Grace Borg (K.I. 920148M)**
**Jibella Holdings Limited (C 14398)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat 17 ta' Settembru 2020, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

   *Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 12 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (kopja tiegħu hawn anness bħala Dok. 'A') l-intimat Ferriggi flimkien ma' martu ikkostitwew ruħhom bħala debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' erbgħin elf lira Maltin (Lm40,000) – li llum huma ekwivalenti għal tlieta u disgħin elf u mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa*

*u disgħin ċenteżmi (€93,174.94) – oltre l-imgħaxijiet bir-rata ta' sebgħa fil-mija (7%) dekorribbli mid-data ta' l-istess kuntratt.*

*Illi dejjem permezz ta' l-istess kuntratt fuq indikat (Dok. 'A'), is-soċjetà intimata Jibella Holdings Limited ikkostiwtit ruħha favur is-soċjetà rikorrenti, bħala garanti solidali mal-konjuġi Ferriggi ta' l-imsemmija somma ta' erbgħin elf lira Maltin (Lm40,000) [€93,174.94] dovuta mill-konjuġi Ferriggi ai termini tal-kuntratt de quo, oltre għall-imgħaxijiet bl-imsemmija rata dekorribbli mid-data ta' l-istess kuntratt.*

*Illi in oltre permezz ta' l-istess fuq imsemmi kuntratt pubbliku (Dok. 'A') l-intimati konjuġi Borg ikkostitwew ruħhom bħala debituri tas-soċjetà rikorrenti wkoll fis-somma oħra ta' erbgħin elf lira Maltin (Lm40,000) – li llum huma ekwivalenti għal tlieta u disgħin elf, mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€93,174.94) – oltre l-imgħaxijiet bir-rata ta' sebgħa fil-mija (7%) dekorribbli mid-data ta' l-istess kuntratt.*

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Mejju 2003 mibgħuta ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja tagħha hawn annessa Dok. 'B'), l-imsemmi kuntratt Dok. 'A', ġie reż titolu eżekuttiv għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*Illi mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali l-ebda wieħed mill-intimati ma effettwa xi pagament.*

*Illi għalhekk l-intimati għadhom ma ssaldawx id-debitu tagħhom fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti.*

*Illi in oltre fis-26 ta' Mejju 2017 mietet Judith Ferriggi u dana kif jirriżulta mill-anness ċertifikat Dok. 'C'. Skont ir-riċerki testamentarji effettwati kemm fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) – li kopja tagħhom qed jiġu annessi bħala Dok. 'D' u 'E' rispettivament – l-aħħar testment tal-imsemmija Judith Ferriggi huwa dak datat 7 ta' Novembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela.*

*Illi permezz ta' l-aħħar testment tagħha fuq imsemmi – li kopja tiegħu qed jiġi anness bħala Dok. 'F' – Judith Ferriggi rrevokat kwalsijasi testment preċedenti tagħha u istitwit u nnominat bħala uniku eredi universali tagħha lil żewġha l-intimat Joseph Ferriggi.*

*Illi peress li mid-data ta' l-imsemmija ittra uffiċjali suċitata laħqu għaddew ħames (5) snin preskritti mil-liġi sabiex dan it-titolu*

*eżekuttiv jista' jiġi eżegwit, kif ukoll in vista tal-mewt ta' Judith Ferriggi, għalhekk kemm ai termini tal-Artikolu 258 kif ukoll ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12 teħtieġ li ssir il-proċedura odjerna.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha, ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta teżegwixxi t-titolu eżekuttiv fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.*

2. Rat illi, fil-15 ta' Ottubru 2020, **Nazzareno Borg** ġie notifikat u, fit-28 ta' Ottubru 2020, irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   *1. Illi huwa llum huwa legalment separat mill-intimata l-oħra Maria Grazia sive Grace Borg u dan permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-tletin (30) ta' Ottubru 2012, u li ma ġietx appellata (Kopja Annessa u mmarkata Dok NB 1), u li l-imsemmi allegat titolu esekuttiv, vantat mis-soċjeta rikorrenti, baqa' in komun bejn il-konjuġi Borg.*

   *2, Illi jirriżulta wkoll, illi l-esponenti għamel diversi ħlasijiet lis-soċjeta' rikorrenti, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tar-rikors, u li għalhekk it-talba rikorrenti kif dedotta hija waħda eċċessiva, u li dan għandu wkoll jiġi rifless fil-komputazzjoni ta' l-imgħax, jekk ikun il-każ.*

   *3. Illi konsegwentement, l-esponenti lanqas ma għandu jagħmel tajjeb għall-ammonti kif dedotti fir-rikors promutur, ukoll bħala garanti, u dan in vista tar-raġunijiet suesposti.*

   *4. Salv, risposti ulterjuri.*

3. Rat illi fl-24 ta' Marzu 2021, Dr Joseph Ferriggi, Grace Borg u Jibella Holdings Limtied ġew notifikati bl-affissjoni (fol 52) u saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Ġunju 2021 (fol 63) u f'gazzetta lokali fit-30 ta' Awissu 2021 (fol 58)

4. Rat illi fis-26 ta' April 2021 **Dr. Joseph Ferriggi** u **Jibella Holdings Limited** irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti:

   1. *Illi jirriżulta li l-esponenti għamlu diversi ħlasijiet lis-soċjeta' rikorrenti u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tar-rikors u li għalhekk it-talba rikorrenti kif dedotta hija waħda eċċessiva u*

*li dan għandu wkoll jiġi rifless fil-komputazzjoni ta' l-imgħax jekk ikun il-każ.*

2. *Illi konsegwentement l-esponenti lanqas ma għandhom jagħmlu tajjeb għall-ammont kif dedotti fir-rikors promotur wkoll bħala garanti u dan in vista tar-raġunijiet suesposti.*

3. *Salv risposti ulterjuri.*

5. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2021, Grace Borg ma daħħlet ebda risposta, u għalhekk ġiet meqjusa bħala kontumaċi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Provi:**

6. Rat in-nota tas-soċjeta' Sisco Company Limited ippreżentata fil-25 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha eżebiet kopji legali tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur ossija kuntratt pubbliku ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 12 ta' Novembru 1997 (fol 69) u Ittra Uffiċjali datata 23 ta' Mejju 2003 (fol 75).

7. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022, is-soċjeta' rikorrenti, tramite il-konsulent legali tagħha Dr Carlo Vigna, ikkonfermat illi l-ammont indikat fil-kuntratt datat 12 ta' Novembru 1997 għadu ma tħallasx.

8. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 222, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

9. Rat in-nota ta' Nazzareno Borg, Dr. Joseph Ferriggi u Jibella Holdings Limited ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha eżebew l-affidavit ta' **Dr. Joseph Ferriggi** u **Nazzareno Borg** (fol 81 *et sequitur*).

**Fatti tal-każ**

10. Jirriżulta, mid-diċitura tal-kuntratt meritu tal-kawża odjerna u mhux mid-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, peress illi dawna ma ġewx ippreżentati, illi, permezz ta' ftehim privat milħuq bejn il-partijiet fl-istess data tal-kuntratt meritu tal-kawża odjerna, ossija 12 ta' Novembru 1997, il-konjuġi Ferriggi kif ukoll Nazzareno Borg u Grace Borg, dak iż-żmien miżżewġin, kienu akkwistaw mingħand is-soċjeta' Sisco Company Limited l-ishma illi l-istess soċjeta' kellha fis-soċjetajiet Ace Investments Company Limited, FHS Limited u Image Perfection Limited, versu l-prezz globali ta' Lm40,000.

11. Jirriżulta li permezz ta' kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datat 12 ta' Novembru 1997 (fol 69), l-intimati kolllha, ossija Dr. Joseph Ferriggi u martu Judith Ferriggi, personalment, Dr Joseph Ferriggi għan-nom ta' Jibella Holdings Limtied u Nazzareno Borg u Grace Borg, dak iż-żmien

miżżewġin, ikkostitwew ruħhom debituri tas-soċjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ Lm40,000 ekwivalenti għal Ewro 93,174.94, oltre` l-imgħaxijiet bir-rata ta’ sebgħa fil-mija.

12. Jirriżulta illi, permezz ta’ tali ftehim, l-intimati kollha kellhom iħallsu s-somma fuq imsemmija kif ġej:

    a. Lm3,750 sa żmien sena mill-ftehim ossija sat-12 ta’ Novembru 1998.
    b. Lm4,125 sa żmien sentejn mill-ftehim ossija sat-12 ta’ Novembru 1999.
    c. Lm4,125 sa żmien tlett snin mill-ftehim ossija sat-12 ta’ Novembru 2000.
    d. Il-bilanċ ta’ Lm27,874 sa żmien tmien snin mill-ftehim ossija sat-12 ta’ Novembru 2005.

13. Jirriżulta wkoll illi l-imgħax kien dovut fuq il-bilanċ dovut fuq bażi annwali bir-rata ta’ sebgħa fil-mija.

14. Jirriżulta illi fit-23 ta’ Mejju 2003 intbagħtet ittra uffiċjali fejn intalab il-ħlas ta’ Lm12,160 u, a tenur tal-Artikolu 256(2) tal-Kap 12, il-kuntratt pubbliku datat 12 ta’ Novembru 1997, ġie reż titolu eżekuttiv.

15. Jirriżulta li Judith Ferriggi mietet fis-26 ta’ Mejju 2017 kif jidher minn Dok C. Permezz tar-riċerki testamentarji Dok D u Dok E, l-aħħar testment huwa dak datat 7 ta’ Novembru 2015, ossija Dok F, fejn istitwiet bħala uniku eredi universali lil żewġha Joseph Ferriggi.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

16. Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tgħaddi għall-eżekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12, u dan għaliex sa mid-data tal-ittra uffiċjali datata 23 ta’ Mejju 2003 eżebita Dok B leħqu għaddew ħames snin sabiex dan it-titolu eżekuttiv jiġi eżegwit u għalhekk, a tenur tal-Artikolu 258 (c) jeħtieġ illi ssir tali proċedura fejn, jiġi kkonfermat illi l-ammont għadu dovut.

17. Minn naħa l-oħra, l-intimati kollha, għajr għal Grace Borg li ma rrispondietx, eċċepew li għamlu diversi ħlasijiet lis-soċjeta’ rikorrenti u li t-talba tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta hija eċċessiva.

18. Jirriżulta, kif fuq osservat, li Grace Borg, għalkemm notifikata, naqset li tippreżenta risposta entro t-terminu stabbilit mil-liġi, b’hekk hija kontumaċi.

19. Jibda biex jingħad, li f’dan il-kuntest huma relevanti l-artikoli tal-liġi segwenti:

    *L-Artikoli 253(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi:*

*"(b) il-kuntratti riċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta jew minn uffiċċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt."*

*Di piu`, l-artikoli 258(c) tal-Kap 12 jistipula:*

*"(c) l-għeluq ta' tlett snin minn dakinhar li fih skont il-liġi t-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikoli 16A seta' ġie segwit."*

20. Minn eżami tal-kuntratt indikat fir-rikors promotur, datat 12 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, eżebit bħala Dok A, jidher evidentement, li huwa kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

21. Jiġi osservat illi l-kawża oderna hija waħda sabiex l-effetti ta' sentenza sabiex tiġi eżegwita wara t-trapass ta' ħames snin, u dan abbażi tal-artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

22. Fil-fatt, il-proċeduri odjerni huma intiżi unikament sabiex jestendu l-perjodu stabbilit mil-liġi ta' ħames snin għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv.

23. Dan huwa prinċipju ormai stabbilit fil-ġurisprudenza. Fil-każ **HSBC Malta plc vs Raymond Sammut** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2011, ingħad:

*"Mill-ġurisprudenza nostrali in effetti jirriżulta li f'kawża ta' din ix-xorta ir-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġia kanonizzat b'sentenza preċedenti."*

*"L-unika konsiderazzjoni li għandha tagħti l-Qorti fi proċedura bħal din hija biss dwar l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Trid taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv li għadda t-terminu prefiss mil-liġi minn meta dak it-titolu seta' jiġi eżegwit kontra debitur intimat, li x-xorta tad-dejn u l-fatt li l-istess għadu pendenti jiġu kkonfermati bil-ġurament mill-kreditur jew rappreżentant tiegħu u li tordna l-eżekuzzjoni tat-titolu biss għall-ammont kanonizzat li jkun għadu ma tħallasx."*

24. Fil-każ in eżami, jiġi osservat ukoll, li ma hemm ebda dubju li l-kuntratt tat-12 ta' Novembru 1997, Dok A, u dak hemm miftiehem jista' jiġi eżegwit fil-perjodu ta' ħames snin stabbiliti mil-Liġi.

25. Kif intqal fil-kawża **Bank of Valletta p.l.c vs Emanuel Portelli et** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019:

*"……il-kompitu tal-Qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekutttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti inkluż (sottolinear ta' din il-Qorti) u l-konteġġi kif saru mill-Bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvneuti lill-Bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti il-leġislatur ipprova permezz tal-artikolu 281(1) tal-Kap 12, li jipprovdi:*

*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

*Għalhekk una volta li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-1 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi."*

26. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kawża **Bank of Valletta p.lc. vs Heritage Estates Limited** deċiża fit-30 ta' Mejju 2016, dwar kawża oħra tal-istess natura, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid:

    *"Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1997 li rigward in-natura tal-proċedura de quo irrilevat li fil-kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunux qed jitolbu kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġia kanonizzat bis-sentenza preċedenti. Minn dan isegwi li kif kienet qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuel Falzon pro et noe vs Joseph Vella et deċiża fil-5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-intimat jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimat jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih."*

27. Għaldaqstant, jiġi puntwalizzat, li din il-Qorti ftit li xejn fadlilha xi żżid mal-kliem suċitati kif fuq redatti u tagħmilha ċara illi bil-preżenti deċiżjoni, kull ma hija ser tagħmel huwa illi tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ossija kuntratt datat 19 ta' Jannar 2010, u mhux tawtorizza l-ħruġ ta' Att

Eżekuttiv li, minn natura tiegħu, jippermetti l-kontestazzjoni tiegħu bi proċeduri *ad hoc*.

28. Jirriżulta, di fatti, illi mill-affidavits ta’ Dr Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg, huma jikkontendu li akkwistaw is-sehem tas-soċjeta’ rikorrenti, li hija ta’ Ronald Bonello, iżda wara tali akkwist intebħu b’ħafna problemi finanzjarji li huma jattribwixxu unikament lil Ronald Bonello.

29. Madanakollu, għalkemm kemm Dr Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg jagħmlu tali asserzjonijiet, imkien ma’ jirriżulta illi l-ħlas meritu tal-Kostituzzjoni ta’ debitu tat-12 ta’ Nobembru 1997, ġie attwalment imħallas, kif minnhom dikjarat fid-difiża tagħhom.

30. Għaldaqstant, abbażi tal-provi miġjuba, l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ rikorrent, kif dedotta.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12, tordna li l-kuntratt datat 12 ta’ Novembru 1997 magħmul in atti tan-Nutar Joseph Abela kif fuq deskritt jiġi dikjarat bħala eżegwibbli fil-konfront ta’ l-intimati kollha parti tal-proċeduri odjerni, u dana mid-data tas-sentenza ‘l quddiem skond il-Liġi.

In vista tal-fatti kif esposti, l-Qorti tqis illi jkun ġust u ekwu illi kull parti tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur